**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Neville Mario Carabott**

Kaz Numru: 206/15

Illum 7 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Neville Mario Carabott ta' 25 sena, imwieled il-Pieta' fis-17 ta' Novembru 1989, bin Anthony u Maria Dolores nee' Camilleri, residenti Nru 48, 'Drago', Triq tax-Xerriek, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita' numru 542589M talli fit-22 t'Ottubru 2014 fir-residenza Nru 48, 'Drago', triq tax-Xerriek, Marsaxlokk:

1. Bil-hsieb li tikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna t'ohtu Bernice Maria Carabott, wera da nil-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt permezz ta' arma irregulari, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq ohtu Bernice Maria Carabott u dan skont kif iccertifika Dr A. Baldacchino MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

3. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil ohtu Bernice Maria Carabott biza' li se tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-

artikolu 222(1) tal-kap 9, meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

4. Hebb kontra ohtu Bernice Maria Carabott sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara, kif ukoll;

5. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess kap ghas-sigurta' ta' Bernice Maria Carabott u l-familja taghha, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Fl-ahharnett, il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Fenech jemergi li dakinhar tal-incident sehh incident bejn l-imputat u l-parte leza li tigi ohtu fid-dar fid-dar tal-genituri taghhom. Ir-rapport fl-ghassa sar mill-missier u l-imputat innifsu. Dak il-hin il-parte leza kellha tmur il-policlinic billi ndarbet. Il-missier ma ra xejn izda sema' hafna ghajjat u dagha u x'hin mar fejn kienu sab lil bintu mal-art. Il-parte leza tat il-versjoni taghha li dakinhar marret bit-tifla taghha ghand il-genituri taghha u din it-tifla bdiet tghajjat u l-imputat beda jghajjar li ohtu u qam battibekk bejn l-ahwa. Hija qalet li f'hin minnhom qabad statwa u sabbatha mal-art.

Ohtu qalet li hija wkoll qabdet statwa biex twaddabilu, waqghet fl-art u huha qabad bicca mill-istatwa li kien hemm fl-art, waddabilha u ntlaqtet f'rasha. Irrizulta li kellha griehi hfief. Meta ha l-istqarrija tal-imputat bazikament ta l-istess versjoni ta' l-oht fis-sens ghalfejn inqala' l-argument biss pero' filwaqt li jammetti li weggha lil ohtu ma jafx biex.

Illi f'dawn il-proceduri omm l-imputat ghazlu li ma jixhdux. Il-parte leza min-naha taghha xehdet li hija qeghda tahfer lil huha. Ma kienx hemm xhieda ohra ta' dan l-incident.

Illi invista li l-parte leza rrimunzjat ghall-azzjoni li hija rinunzjabbli, il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit inkwantu ghat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet.

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra dawn ma gewx ippruvati billi dak li xehed l-ispettur huwa detto del detto u l-istqarrija tal-imputat inkwantu ghall-kontenut f'dan il-kaz ma twassalx ghal sejbien ta' htija billi mhijiex konklussiva. Kwindi l-imputat mhux se jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit inkwantu ghat-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat